MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Avviz Numru. 353/2006

**Middlesea Insurance p.l.c. (Reg. Nru. C-5553); Thomas Smith Insurance Agency Ltd. bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Societa' Italiana Assicurazzioni e Riassicurazzioni (Reg. Nru. C-5637); Millenium Insurance Agency Ltd. bhala agenti u in rapprezentanza ta' Lloyd's Underwriters, senjatament Brit Syndicate No. 2987 u Aegis Syndicate No. 1225 (Reg. Nru C-23927); Citadel Insurance p.l.c. (Reg. Nru.-21550); Elmo Insurance Ltd. (Reg. Nru. C-3500) kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' Andrews Feeds (Malta)Ltd**

**Vs**

**Express Trailers Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjetajiet attrici talbu sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun

ikkundannata li thallas lill-istess socjetajiet attrici s-somma ta’ elf sitt mija disgha u tmenin Lira Maltija (Lm1689.00) ammont minnhom mhallas lill-ko-assigurat taghhom, Andrews Feeds (Malta) Ltd., in konnessjoni ma’ nuqqasijiet u spejjez ohra sofferti mill-ko-assigurat fil-merkanzija, konsistenti f’*Pallet* Wiehed ta’ Medicinali Veterinarji minnu mpurtati fuq il-vapur m/v Reggio Calabria li wasal Malta fil-15 ta’ Novembru 2005, u li gew issurrogati fid-drittijiet ta’ l-istess ko-assigurat.

Dan okkorrendo, previa dikjarazzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti lis-socjeta konvenuta, unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet li saru fil-merkanzija, kif intqal.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data li sar il-hlas lill-assigurat, sa l-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta (fol 8 u fol 9 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjetajiet attrici ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi *in limine litis*, trid issir il-prova tas-surroga.
2. Illi fil-mertu, in-nuqqas fil-merkanzija, kif allegat mill-atturi, irid jigi ppruvat.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, is-socjeta’ eccipjenti ma kkommettiet ebda nuqqas fil-konfront tas-socjeta’ attrici, u, kwindi, is-socjeta’ eccipjenti mhijiex responsabbli fil-konfront tas-socjetajiet attrici.
4. Illi l-merkanzija mertu tal-kawza fl-ebda stadju ma giet ikkonsenjata lis-socjeta’ eccipjenti u ,allura, qatt ma ghaddiet fil-konfrott jew fl-isfera ta’ risponsabilita’ tas-socjeta’ eccipjenti u, kwindi, ma tirrispondiex is-socjeta’ eccipjenti ghall-allegati nuqqasijiet dwar il-merkanzija *de quo*.
5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sue-eccepit, jekk jirrizulta li huwa minnu li l-merkanzija in kwistjoni giet nieqsa kif allegat mis-socjetajiet, attrici, dan sehh f‘stadju meta l-istess merkanzija kienet fil-pussess

jew kontroll tas-socjeta' estera Central Express France S.A. ta' Batiment 26, Garonor Quest. P 606, 93611 Aulunay-Sous- Bois Cedex, Franza, li allura hija din il-kumpanija estera li trid tirrispondi ghal tali nuqqas – huwa l-kaz, ghalhekk, li tigi kjamta in kawza l-imsemmija socjeta' estera u dan anke' ghall-kompetenza u l-integrita' tal-gudizzju.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit *in ogni caso*, ir-regolazzjoni bejn is-socjeta' eccipjenti u l-assigurat tas-socjetajiet attrici (Andrew Feeds Malta Limited) hjija regolata mill-konvenzjoni internazzjonali maghrufa bhala *CMR* li tillimita r-risponsaibilta' tas-socjeta' eccipenti ghal mhux aktar minn Lm237.50 (57Kg X 8.33 X Lm0.50 (ISDR = Lm0.50) u kwindi, *semmai* r-risponsabilita' tas-socjeta' eccipenti fil-konfront tas-socjetajiet attrici ma ghandiex tissupera tali somma.

7. Salvi eccezzjonjiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' April 2008 minn fejn jidher li s-socjeta' konvenuta irrinunzjat ghat-talba ghall-kjamata fil-kawza tas-socjeta estera msemmija fil-hames (5) eccezzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici et ( fol 66 et seq) u dik tal-istess socjeta' konvenuta (a fol 69 et seq).

Ikkunsidrat

Illi Lucienne Cini (fol 13 et seq ibid) li ghandha l-grad 'executive' fil-'claims department' mas-socjeta' attrici 'Middle Sea Insurance plc' wara li l-elenkat l-assikuraturi kollha bil-persentaggi relattivi involuti f'dan il-kaz kif risultanti, ukoll, mill-avviz promotur spjegat illi 'l-istess kaz kien jinvolvi 'pallett' wiehed ta' medicinali veterinarji u li kien fuq il-vapur ' Reggio Calabria' li wasal, f'Malta, fil-15 ta' Novembru 2005. Fl-istess kaz, bhala trasportatur tal-istess merkanzija li kellha tigi importata f'Malta, kienet involuta s-socjeta' konvenuta. In rigward l-istess 'pallett' kienet din is-socjeta' li nformat lis-socjeta' attrici et dwar it-telfa tieghu. Dan premess, l-istess xhud esebiet id-dokument relattiv u rilevanti ghall-istess kaz (fol 16 et seq

ibid) b'mod specjali l-'bill of lading (C.M.R.)', il-kuntratt ta' assikurazzjoni applikabbli fl-istess kaz, kopja ta' ittra mibghuta fil-5 ta' Dicembru 2005 mill-assikurat lis-socjeta' konvenuta fejn din giet ritenuta responsabbli ghat-telfa tal-istess 'pallett' formanti parti minn 'groupage trailer' numru ETM 59 u r-risposta relattiva, kopja tal-fattura dwar l-istess merkanzija b'valur ta' €3623.82,u rilaxxata mis-socjeta' espotattrici barranija u li minnha jidher li din inkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex l-istess merkanzija tigi konsenjata lis-socjeta' assikurata l-'statement of claim' li sar dejjem relattivament ghall-istess merkanzija mitlufa u fl-ahharnett l-ircevuta tal-pagament,in risarciment,bis-surroga relattiva.

Illi George Sammut in rappresentanza tas-socjeta' assikurattrici (fol 41 et seq ibid) ikkonferma li l-'pallett' in kwistjoni ma giet ikkonsenjata lis-socjeta' rappresentata minnu ghax '….ma setghetx tigi rintraccata u ghandha tigi konsiderata bhala mitlufa' u hu kkonferma li kien thallas ir-risarciment. Dwar is-socjeta' konvenuta, din hi deskritta fl-ittra a fol 44 ibid bhala 'our local shipping agent'.

Ikkunsidrat

Illi Antoine Vella (fol 56 et seq ibid) bhala inkarigat mill-logistika tat-trasport mill-lat internazjonali da parti tas-socjeta' konvenuta spjega li s-socjeta' assikuratrici kienet klijenta regolari tal-istess socjeta'. In rigward dan il-kaz, l-istess socjeta assikurata kienet talbet stima in konnessjoni ma trasport tal-merkanzija in kwistjoni minn Franza lejn Malta (ara fol 59 ibid). Din il-proposta giet accettata, kif soggetta ghal 'CMR conditions'. Sussegwentement, wara li s-socjeta' konvenuta giet infurmata dwar minn kien is-'supplier' fi Franza, l-istess socjeta' konvenuta informat, dwar dan, lill-agent tal-istess socjeta' kovenuta fi Franza ossija 'Central Express France' u din hadet hsieb li tigbor l-istess merkanzija u s-socjeta' konvenuta baghtet 'trailer' minn Malta, ossija 'container' tat-tip 'groupage'. Meta l-istess merkanzija kollha kemm hi, tghabbiet fuq dan il-'container' is-socjeta' konvenuta kienet irceviet il-manifest. Kif jidher mid-dokument a fol 51, intestat 'CMR' u 'International Assignment note', it-'trailer' involut telaq

mid-depositu fl-10 ta' Novembru 2005, tnizzel f'Reggio Calabria u tghabba fuq il-vapur imsemmi. Mid-dokument a fol 50 ossija l-'bill of lading' , jidher li s-sigill tal-istess 'container' kien ghadu intatt f'dan il-istadju. Meta wasal f'Malta u l-'container' tpogga 'in bond', impjegat iehor tal-istess socjeta' attrici' Kenny Robert kien mar u vverifika li l-istess sigil kien ghadu intatt (ara fol 60 ibid). Difatti x-xhud sostna u specifika illi f'kaz li s-sigill kien jidher jew mbaghbas jew mhux intatt, dan il-fatt kien jitnizzel fuq dan id-dokument a fol 60 tal-atti. Pero meta il-'container' inhatt, xorta wahda instab li kienet hemm nieqes il-'pallett' w il-merkanzija hawn fuq imsemmija skond ix-xhud, is-socjeta' konvenuta ghamlet il-verifiki da parti taghha mal-agent taghha fi Franza u skond l-istess xhud '… jidher li n-nuqqas sar go Franza' u, dejjem fi Franza din il-kaxxa ma kienitx instabet'. Xorta wahda s-socjeta' konvenuta offriet li thallas kumpens skond is-'CMR Conditions', liema kumpens li jinhadem fuq il-piz, kien jammonta ghal Lm237.40 u nharget 'credit note' vis-à-vis il-'freight' (fol 62 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-atturi jissottomettew fin-<u>nota</u> taghhom, a fol 66 et seq ibid, illi l-'pallett' in kwistjoni u li nstabet nieqsa meta l-vapur kien wasal malta, kienet fil-kontroll u responsabbilita tas-socjeta 'Central Express France', l-agent fl Franza tas-socjeta' konvenuta u inkarigata, ghal dan il-ghan, mill-istess socjeta' konvenuta. Bejn l-attrici u din is-socjeta' estera jesisti ness kontrattwali bejnha u dik konvenuta u kull ftehim bejn din tal-ahhar u dik estera japplika biss bejniethom ('res interalieas acta'). Fl-istess nota, l-atturi jiccitaw diversi artikoli, mill-hekk imsejjah 'CMR Rules' kif hemm indikat a fol 67 fosthom dak li jinghad dwar telf jew hsarat fil-merkanizja minnha 'vis-major' ir-responsabilita tat-trasportatur f'kaz ta' telf totali tal-merkanzija li tigri bejn il-konsenja lilu tal-merkanzija sakemm hu jikkonsenjaha lil terz, r-responsabilita tal-istess trasportatur f'kaz ta' atti jew ommissjonjiet da parti tal-agent jew agenti tieghu bhallikieku dawn l-atti jew ommissjonijiet saru mill-istess trasportatur. Inoltre, l-istess trasportatur ma jkunx jista jillimita jew jeskludi r-

responsabita tieghu ghad-danni jekk dawn kienu minhabba agir intenzjonali jew nuqqas da parti tieghu. Difatti f'dawn il-kasijiet imsemmija fl-ahhar, l-ammont ta' kumpens, ma jkunx limitatat u dan skond l-artikolu 29 tal-istess 'CMR Rules'.

Illi f'kazijiet bhal dawn l-atturi jsostnu li l-grat ta' attenzjoni rikjest mit-trasporatatur hu dak specifikat fl-artikolu 1628 tal-Kodici Civili li jittratta dwar depositarju. Izda f'kaz lid-depositarju jithallas kumpens ghall-kustodja tal-oggett, id-diligenza u attenzjoni rikjesta u mehtiega ghandha tigi applikata f'mod deskritt bhala 'sever'. Fil-fatt f'kazijiet bhal dawn in esami, '…. Hemm oneru akbar mixhud fuq it-trasportatur li jrid jiehu l-mezzi kollha biex jevita kull hsara jew serq'.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in-nota estensiva u esawrjenti sottomessa mis-socjeta' konvenuta, gie rilevat illi :-

a) Dwar l-eccezzjoni in konnessjoni mas-'surroga' fid-drittijiet tas-socjeta' assikurata, hu sufficjenti li ssir referenza ghad-dokument markat <u>Dok LC5</u> a fol 35 ibid minn fejn jidher li l-general manager tal-istess socjeta' assikurata Peter Gatt, thallas is-somma ta' Lm1689 a saldu u dan issurroga lis-socjetajiet kollha hemm specifikati fid-drittijiet tieghu 'nomine'.
b) Is-socjeta' konvenuta ssottomettiet li dik attrici nomine et kellha tipprova li l-merkanzija in kwistjoni sfat nieqsa meta kienet fil-pussess taht ir-responsabilita ta' dik konvenuta jew ta' dik li kienet qed tagixxi bhala agent taghha fi Franza. F'dan ir-rigward, il-Qorti rat id-dokumenti esebiti a fol 16 sa fol 35 ibid u a fol 43 sa fol 51 ibid. Jidher li rilevanti huma dawk a fol 16 u fol 30 ibid.. L-ewwel dokument ossija il-manifest tal-vapur involut jew li fuq dan kien ittellgha '149 packages …. As per attached list' liema lista, pero, ma giex esebita in atti. Pero fit-tieni dokument ossija kopja ta' delivery order' mahruga mill-istess socjeta' konvenuta jidher li din qed titlob li s-socjeta' assikurata ghandhom jigu konsenjati 'animal products'. Dan jindika li filfatt il-merkanzja in esami kienet fost dawk

il-‘149 packages’ konsenjati lill-agenti tas-socjeta’ konvenuta mill-esportaturi. Din il-merkanzija filfatt instabet nieqsa meta waslet f’Malta avolja t-’trailer’ involut instab li kellu s-sigilli intatti.

c) Mill-provi irrizulta illi s-socjeta’ ‘Central Express France’ huma l-agenti tas-socjeta’ konvenuta u ghalhekk kif gie sottomess mis-socjeta’ attrici nomine et, tali konvsenja lis-socjeta estera, agent ta’ dik konvenuta gabet maghha dak li jintqal fl-artikolu 3 tal-imsemmi ‘C.M.R.’ liema artikolu di gja sar referenza ghalih.

d) Dwar l-applikazzjoni o meno tal-artikolu 29(1) ibid gja citat u tal-artikolu 23 ibid dwar il-limitu ta’ kumpens li ghandu jithallas, saret referenza ghal gurisprudenza ‘in materia’ kif ukoll ghall-awturi li ttrattaw dan il-punt li jirreferi ghal ’wilful misconduct‘ jew ‘such default on his (i.e. ‘the carrier‘) part’ u a bazi ta’ dak citat fl-istess nota is-socjeta’ konvenuta qed tghid li l-limitu fil-kumpens hu applikabbli ghal dan il-kaz. Pero din il-Qorti tara li ghandha taqbel ma dak sottomess mis-socjeta’ attrici et, fin-nota taghha fis-sens li dak rikjest mill-‘carrier’ dwar il-kustodja ta’ merkanzija fdata f’idejh hi ekwivalienti ghal dawk ta’ depositarju skond l-artikoli 1628 tal-Kodici Civli. Meta l-istess depositarju ghandu il-jedd li jithallas kumpsens jopera l-artikolu 1132 (1) tal-istess Kodici, il-grad ta’ diligenza ghandu jkun ta’ ‘bonus pater familias’. Difatti ghandu jkun hemm ‘… oneru akbar mixhut fuq it-trasportatur li jrid jiehu l-mezzi kollha biex jevita kull hsara jew serq’ Konsegwentement ghandu japplika l-artikolu 22 tal-imsemmija ‘C.M.R.’ ad esklusjoni tal-limitatazzjoni fil-kumpens vantata mis-socjeta’ konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi minn dak premess jidher li dak kollu eccepit mis-socjeta’ konvenuta ghandu jigi respint u b’hekk ghandhom jigu akkolti t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallas lis-socjeta’ attrici et is-somma ta’ Lm1689.00 ossija €3934.31 bl-imghax legali mis-7 ta’ Marzu 2006 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------